# Is-Sliem

Novembru 2010 Nru. 254



Knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Agira, Ħaż-Żebbuġ

Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali: "Villa San Filep", Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 1307


*Messaġġ tal-Arċipriet:*

## B'PARTEĊIPAZZJONI SĦIĦA...

Wasalna biex nagħmlu Assemblea Parrokkjali oħra. Assemblea li, apparti li l-parruċċani kollha huma mistennijin li jattendu għaliha, huma wkoll mitlubin li jipparteċipaw bl-ideat u l-interventi tagħhom. Għalhekk nieħu din l-okkażjoni biex inħeġġeġ lil dawk kollha li jixtiequ l-ġid lill-Knisja f'Ħaż-Żebbuġ biex jattendu għal din l-Assemblea u jressqu s-suġġerimenti tagħhom. Wara li jitressqu s-suġġerimenti u l-ideat kollha possibbli, imbagħad inħallu f'idejn il-Kunsill Pastorali biex jiddixxerni matul is-sena biex, flimkien mal-kummissjonjiet u l-gruppi kollha fi ħdan il-parroċċa, naraw kif nistgħu nimxu 'l quddiem bħala komunità parrokkjali.

Fil-ġranet li għaddew, stedinna lil kull min b'xi mod jixtieq jagħti kontribut dirett fil-ħidma tal-parroċċa. Għaldaqstant qiegħed inħeġġeġ lil dawk kollha li jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom biex ma joqogħdux lura. Qiegħed nagħmel dan, għax nemmen bis-sħiħ fil-parteċipazzjoni tal-lajċi fil-parroċċa tagħna; u li din il-parteċipazzjoni ma għandhiex tkun BISS u esklussivament



**Bil-parteċipazzjoni sħiħa ta' KULĦADD insaħħu u nissuktaw nibnu aktar fuq dak li bnejna matul dawn l-aħħar snin.**

għal dawk li ilhom jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-komunità parrokkjali tagħna!

Konvint li, bil-parteċipazzjoni ta' nies ġodda fil-qalba tal-parroċċa, ser insaħħu u nissuktaw nibnu aktar fuq dak li bnejna matul dawn l-aħħar snin.

Il-Mulej iberikkom.

**Fr. Daniel Cardona,**
**Arċipriet.**

**ASSEMBLEA PARROKKJALI 2010**

**Nhar il-Ħamis u l-Ġimgħa, 25 u 26 ta' Novembru,**

**wara l-quddiesa ta' filgħaxija.**

**FIS-SALA PARROKKJALI "DUN MIKIEL XERRI".**

***Huwa l-JEDD u d-DMIR tiegħek li tiġi u tipparteċipa; u għalhekk MISTIEDEN KULĦADD!***


**ARA Paġna 4**

**għal AKTAR mill-PROGRAMM taż-Żjajjar lill-Familji!**


**ALLA fil-Qawl Malti**

| | |
|---|---|
| IL-QAWL: | **Alla jżomm il-ħaqq u jeħlisna minnu.** |
| IT-TIFSIRA: | Alla jżomm il-ħaqq; imma jalla jeħlisna minnu! |

# Għeżież Ħbieb ...

**Messaġġ minn Dr. PHILIP SCIORTINO,**
***Chairman* tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali,**
**Ħaż-Żebbuġ**

Għal darba oħra, il-parroċċa qiegħda ssejħilna sabiex flimkien inħarsu lejn l-esperjenza ta' din is-sena, fejn tidħol il-ħidma pastorali. Bis-saħħa ta' din l-esperjenza, tgħallimna ħafna u, jekk Alla jrid, insibuha fid-deċiżjonijiet li jittieħdu f'din l-assemblea.




**"Il-ħidma pastorali ddur mal-promozzjoni u l-esperjenza tal-Kelma t'Alla".**

> **"Aħna Kattoliċi, bi tradizzjoni jew b'konvinzjoni?..."**

Din is-sena kellna numru ta' avvenimenti li sawruna u saħħewna. Il-ħidma pastorali ddur mal-promozzjoni u l-esperjenza tal-Kelma t'Alla. Bil-ftit riżorsi li għandna, wettaqna ħafna mill-ħwejjeġ li dħalna għalihom. Naħseb li nista' ngħid illi ħafna mill-ħidma tagħkom ilkoll ma tingħatax ir-rikonoxximent mistħoqq. Minn hawn, nirringrazzja lil kulħadd, għax nemmen li intom ilkoll qegħdin toffru l-ħin u l-enerġija tagħkom bil-qalb u mingħajr ma tistennew xejn.

Iżda, kull min jipparteċipa fil-ħajja komunitarja, isib ma' wiċċu l-kritika li, għalkemm ta' spiss niltaqgħu magħha, rari tkun kritika distruttiva, anke jekk il-mod kif titpoġġa ma jkunx dejjem aċċettabbli. Din hi xi ħaġa minn awl id-dinja.

Il-komunitajiet tagħna m'għadhomx dawk li kienu għexieren ta' snin ilu. Il-kultura nisranija m'għadhiex l-unika vuċi fi ħdan il-parroċċa. Kif ilu jwiddeb l-Isqof Pawl Cremona, irridu nkunu ppreparati għal djalogu ma' persuni li, minkejja li ngħixu magħhom f'din il-komunità, jaħsbuha radikalment differenti minna. Dan, mhux falliment, iżda prodott tas-Soċjetà moderna. Ħadd m'għandu jkompli jistagħġeb, u lanqas jaqta' qalbu!

Il-kulturi ta' dawn iż-żminijiet huma sfida, mhux telfa; huma opportunità għalina sabiex inħarsu ġewwa fina u naraw x' nistgħu nsarrfu minn dak li ngħidu li aħna. Aħna Kattoliċi, bi tradizzjoni jew b'konvinzjoni?... Din l-isfida tiswa sabiex inħarsu lejn l-essenzjali, u nagħżlu bejn.... dak li jsaħħaħna u jeħtieġ li nibżgħu għalih.... u dak li jtaqqalna u aħjar nagħtuh żabra!

Għalhekk, ejjew flimkien inkomplu nibnu fuq din il-Knisja, li mhi xejn għajr l-istrument mistiku biex naqsmu flimkien ir-rabta bejn il-bniedem u l-komunitajiet tagħna mal-Ħallieq!



**John Spiteri**
**(Tax-Xema')**

**Servizz tal-Funerali**
**(24 siegħa kuljum).**
**155, Triq l-Isqof Caruana,**
**Ħaż-Żebbuġ.**
**Biswit il-Kunsill Lokali**
**IL-KANT BLA ĦLAS**
**Tel: 21464286.**
**Mob.: 79464286.**

**MALITA TRAVEL**



**21466018/27466018**

**ST. PHILIP BUILDING,**
**Triq Sciortino (FIL-PJAZZA),**
**Ħaż-Żebbuġ.**

# Il-Pass li Jmiss

**– minn TONY CARUANA, *Chairperson* tal-Kummiss. Parrok. "Implementazzjoni tas-Sinodu".**

*Pietru ma setax jorqod. Moħħu kien baqa' jhewden fuq dak kollu li kien ġara u fl-istess ħin ħsibijietu kienu jittajru fuq dak li kien jista' jseħħ fil-futur. Lill-Imgħallem kienu qatluh – issa x'kien se jiġri? – joqtlu lilu u lil sħabu wkoll?... L-Imgħallem kien qallu li hu, Pietru, kellu jkun il-blata li fuqha tinbena xi ħaġa ġdida; ...imma, kif setgħu, hu u sħabu, ikomplu xogħol l-Imgħallem mingħajrU u l-kariżma u l-qawwa kollha tiegħU?!... Żgur li t-tliet snin li kien għamel mal-Imgħallem ma kinux biżżejjed; ...almenu kellu jkun hemm sentejn oħra biex, hu u sħabu, kienu jkunu ppreparati sewwa!...*



"...Bagħtilhom l-Ispirtu s-Santu, kif kien wiegħed. U, mingħajr armati, dawn il-ftit nies umli wettqu l-pass li kien imiss, u t-twemmin nisrani nxtered mal-erbat irjieħ tad-dinja."

Jien nimmaġina li dawn id-dubji u oħrajn għaddew minn moħħ San Pietru u l-Appostli l-oħrajn wara l-mewt ta' Ġesù – wara kollox, huma kienu umani bħalna. Imma aħna lkoll nafu x'ġara wara. Ġesù ma telaqhomx. Wara li qam mill-mewt, dam erbgħin jum fid-dinja, jidher lill-Appostli u jispjegalhom għal darba oħra dak li kellu jseħħ fil-pjan t'Alla. U mhux hekk biss: għax, wara li tela' s-Sema, Hu bagħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli, kif kien wiegħed. U, mingħajr armati, dawn il-ftit nies umli wettqu l-pass li kien imiss, u t-twemmin nisrani nxtered mal-erbat irjieħ tad-dinja.

Din is-sena taħbat it-tielet sena tal-pjan pastorali parrokkjali li tnieda f'Novembru 2008 u li jkopri s-snin 2009-2011. Konna varajna sitt proġetti – proġetti li jolqtu aspetti diversi tal-ħajja parrokkjali – u dawn ħallew il-frott tagħhom. Hekk, illum nistgħu nkunu kuntenti li għandna:

- Kunsill Pastorali Parrokkjali li jiltaqa' regolarment u li fih qegħdin isiru bosta diskussjonijiet interessanti li jwasslu sabiex tittieħed azzjoni maħsuba u konkreta għall-ġid ta' kulħadd.
- Grupp li, wara sentejn mit-twaqqif tiegħu, għadu jiltaqa' regolarment, taħt it-tmexxija ta' soċji tal-Museum, sabiex jieħdu sehem f'diskussjoni u meditazzjoni fuq siltiet mill-Bibbja.
- Koordinament aħjar tas-servizzi liturġiċi u quddies iċċelebrat bi stili differenti.
- Kummissjoni "Djakonija", li qiegħda tkompli l-ħidma tagħha ta' appoġġ lil dawk li huma l-aktar fil-bżonn.

*ikompli f'paġna 4*

**TWANNY SPITERI**
**FUNERALI**
4, "Shalom", Triq il-Watar,
Ħal Mula,
Ħaż-Żebbuġ.



Karozza (*hearse*) BLA ĦLAS
24 hours services
DAY & NIGHT
Tel: 21460950
Office: 21465122 - 21472219
Mob: 99471168

**BC ELECTRICS Co. Ltd.**
ELECTRICAL & PLUMBING WORKS, IT COMPUTER CABLING
Bernard Gatt
Angelo Melilli Street, Żebbuġ ZBG 06, Malta
Tel/Fax: 2146 2009, Mob: 7949 0392
email: bcelec@waldonet.net.mt

*ikompli minn paġna 3*

- Kummissjoni "Familja" li, b'mod regolari, qiegħda torganizza attivitajiet ta' formazzjoni għall-għarajjes u għall-koppji miżżewġin.
- Ċentru li jilqa' fi ħdanu numru sabiħ ta' adoloxxenti u żgħażagħ.

Dawn, flimkien mal-ħidma tal-kleru u ta' gruppi u għaqdiet li ilhom snin twal attivi fil-ħajja pastorali tal-parroċċa tagħna, joħolqu qafas ta' servizzi ta' formazzjoni u appoġġ kontinwu lill-komunità parrokkjali. Forsi, kultant, dawn is-servizzi tant drajniehom, li bilkemm naħsbu fuq l-impenn u s-sagrifiċċji li jsiru.

**"Ma rridux naqtgħu qalbna...., għax bħall-Appostli rridu nemmnu li l-Imgħallem se jkun qiegħed jgħinna wkoll."**

**AKTAR mill-Programm taż-Żjajjar u t-Tberik lill-Familji**

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn, 8 ta' Novembru:** | Triq il-Penit. |
| **It-Tlieta, 9 ta' Novembru:** | Triq Giovanni Pullicino (li qabel kienet: Triq Ġdida fi Triq il-Kurkanta). |
| **L-Erbgħa, 10 ta' Novembru:** | Triq il-Kurkanta. |
| **It-Tnejn, 15 ta' Novembru:** | Triq Andrea Bogdan. |
| **It-Tlieta, 16 ta' Novembru:** | Triq Luigi Fontana. |
| **L-Erbgħa, 17 ta' Novembru:** | Triq Ħali. |
| **It-Tnejn, 22 ta' Novembru:** | Triq il-Prinċep Bażiliku. |
| **It-Tlieta, 23 ta' Novembru:** | Triq Pawlu Debono. |
| **L-Erbgħa, 24 ta' Novembru:** | Triq Anthony Aquilina; Triq John Zammit; u Triq Patri André Azzopardi. |
| **It-Tnejn, 29 ta' Novembru:** | Triq Xmun Attard u Triq Daniel Callus. |
| **It-Tlieta, 30 ta' Novembru:** | Triq il-Ħlewwa. |
| **L-Erbgħa, 1 ta' Diċembru:** | Triq it-12 ta' Mejju; Triq G..B. Debono u Triq Philip Gatt. |
| **It-Tnejn, 6 ta' Diċembru:** | Triq Franġisku Caruana Dingli u Triq Karlu Gimach. |
| **It-Tlieta, 7 ta' Diċembru**: | Triq Mons. A. Cilia. |
| **L-Erbgħa, 8 ta' Diċembru:** | Triq il-Kandlora. |

Imma issa hemm il-**pass li jmiss:** Il-ħidma pastorali mhix responsabbiltà biss tal-qassisin u ta' lajċi impenjati f'għaqdiet u kummissjonijiet, imma hi responsabbiltà ta' kulħadd. Jeħtieġ li ssir dik il-qabża ta' kwalità li tissarraf f'aktar insara ħajjin. B'hekk, bħala eżempju, persuni li ilhom sentejn jattendu għal-laqgħat tal-Bibbja taħt it-tmexxija tas-soċji tal-Mużew, għandhom ikollhom il-kuraġġ li jibdew imexxu dawn il-laqgħat huma stess u, forsi, 'il quddiem jibdew imexxu gruppi ġodda żgħar huma wkoll. Żgħażagħ li ilhom jattendu ċ-Ċentru "Ta' Warda" għal numru ta' snin (u li llum għandhom l-età ta' bejn sittax u tmintax-il sena), iridu jibdew jaħsbu wkoll kif huma jistgħu jkunu ta' servizz għal ħaddieħor, forsi fl-istess Ċentru, ma' adoloxxenti iżgħar minnhom. Koppji żgħażagħ li rċevew formazzjoni, iridu jagħrfu li huma wkoll jistgħu jkunu ta' għajnuna u ispirazzjoni għal koppji oħrajn. Kull min jieħu sehem fil-quddies irid jifhem li l-quddiesa ma tkunx "tajba" biss skont kemm tkun organizzata tajjeb, iżda tiddependi mis-sehem ta' kull min jattendi. Ma rridux naqtgħu qalbna minn dan il-pass, għax bħall-Appostli rridu nemmnu li l-*Imgħallem* se jkun qiegħed jgħinna wkoll.

**Din it-tema se tkun il-qofol tad-diskussjoni li ser issir fl-Assemblea Pastorali Parrokkjali li jmiss, u int mistieden/mistiedna tieħu sehem sabiex jirnexxilna nilħqu l-għan tal-pjan, li...** ***meta nintrefgħu 'l fuq mill-art, aħna niġbdu l-bnedmin kollha lejna!***




**Josef Felice**

**(Tal-Bonċ)**

**Servizz tal-Funerali**

**24 Siegħa Kuljum.**

"Casa Felice"
Triq l-Indipendenza,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ

SERVIZZ TAL-KOR U ORGANISTA
**BLA ĦLAS**

PREZZIJIET MODERATI

Tel: 2146 6599 *Mob*: 9945 6733

TOYOTA
THE QUALITY EXPERIENCE